

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.5565 – BAE Systems/BVT)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2009/C 236/10)

1. Fl-24 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża BAE Systems plc ("BAE Systems", ir-Renju Unit) takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll tal-intier tal-impriża BVT Surface Fleet Limited ("BVT", ir-Renju Unit) li hi attwalment kkontrollata b'mod konġunt minn BAE Systems u VT Group plc, permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- għal BAE Systems: forniment ta' sistemi u servizzi għall-forzi tal-ajru, art u navali kif ukoll ta' elettronika avvanzata, soluzzjonijiet ta' teknoloġija tal-informazzjoni u servizzi għall-appoġġ tal-klijent,
- għal BVT: forniment ta' bastimenti tal-gwerra ta' fuq il-baħar ("surface warships") u għajjnuna tul il-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-bastiment, prinċipalment bħala sħab għall-Ministeru tad-Difiża tar-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5565 – BAE Systems/BVT, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.